MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 393/2008

**Wands Limited**

**vs**

**Emmanuel Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u sittin Euro u tnejn u tletin centezmi (€1,567.32), ekwivalenti ghal sitt mija u tnejn u sebghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm672.85), tirrapprezenta prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenut u hija dovuta mill-istess konvenut favur is-socjeta' attrici Wands Limited (C476) skond l-anness *statement of account*.

Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati diversi drabi, baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk, mija u sebgha u tletin Euro u wiehed u disghin centezmu (€137.91), ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Settembru, 2006 u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-konvenut debitament notifikat permezz tal-proceduri ta’ affissjoni, kif ukoll bil-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, baqa’ ma pprezentax risposta.

Ra x-xhieda ta’ PL Alison Wadge, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici li kkonfermat li l-ammont ta’ elf, hames mija u sebgha u sittin Euro u tnejn u tletin centezmi (€1,567.32), ekwivalenti ghal sitt mija u tnejn u sebghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm672.85), kien ghadu dovut u li l-istess konvenut ma kienx ghamel ebda pagament.

Il-konvenut ma pprezenta ebda risposta sabiex jikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta’ attrici u ghaldaqstant it-Tribunal ser jasal biex jikkonferma l-verzjoni taghha.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkonferma t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, hames mija u sebgha u sittin Euro u tnejn u tletin centezmi (€1,567.32), ekwivalenti ghal sitt mija u tnejn u sebghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm672.85), somma rapprezentanti prezz ta’ prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------